# Nimxu Flimkien bit-Tama
## Adorazzjoni Ewkaristika
## mdawla mill-Messaġġ tal-Papa Franġisku għar-Randan 2025
## April 2025

### Innu għal waqt l-Espożizzjoni

### Viżta lil Ġesù Ewkaristija
Mixħutin, Mulej, quddiemek,
insejħulek u nitolbu
biex, la tiġi bħala Mħallef,
tbiegħed minna l-korla tiegħek.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Bi ħtijietna nqasna ħafna
kontra t-tjieba kbira tiegħek:
iżda int, Mulej, agħdirna,
xerred fuqna grazzja w maħfra.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Ftakar, Sid ħanin, li aħna
opra tiegħek, għalkemm naqgħu;
tħalli qatt ġieħ l-isem tiegħek
ikun mogħti lil ħaddieħor.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Warrab il-ħażin li ġmajna,
għin it-tajjeb tagħna w kattru,
biex inkunu nogħġbu lilek
f'kulma nagħmlu, issa w dejjem.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Trinità qaddisa u mbierka,
Alla wieħed, 'tina l-grazzja
li b'għemejjel sħaħ u tajba
niġbru frott kotran ta' ħajja. Ammen.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Skont il-fehma tal-Papa: *Missierna, Sliema, Glorja*

Fil-messaġġ tiegħu għar-Randan ta' din is-sena 2025, huwa u jitkellem dwar dan iż-żmien liturġiku bħala mixja flimkien fit-tama, il-Papa Franġisku jħeġġiġna u jgħidilna hekk:

> Ejjew dil-mixja nagħmluha flimkien bit-tama ta' wegħda. "It-tama li ma tqarraqx" (Rum 5, 5), il-messaġġ ċentrali tal-Ġublew, għandu jkun għalina x-xefaq tal-mixja tar-Randan lejn ir-rebħa tal-Għid. Kif għallimna fl-Enċiklika *Spe Salvi* l-Papa Benedittu XVI: "Il-bniedem jeħtieġ l-imħabba bla

> kundizzjonijiet. Jeħtieġ dik iċ-ċertezza li ġġagħlu jgħid: 'La l-mewt u la l-ħajja, la l-anġli u la l-qawwiet, la ż-żmien t'issa u la ta' li ġej, la setgħat, la l-għoli u lanqas il-fond, u ebda ħliqa oħra ma jistgħu qatt jifirduna mill-imħabba ta' Alla li dehret fi Kristu Ġesù Sidna' (Rum 8: 38- 39)" (par. 26). Ġesù, l-imħabba tagħna u t-tama tagħna, qam mill-mewt u jgħix u jsaltan glorjuż. Il-mewt inbidlet f'rebħa u hawn tinsab il-fidi u t-tama kbira tal-Insara: fil-qawmien mill-mewt ta' Kristu!

Issa li qbiżna nofs ir-Randan u qed toqrob iċ-ċelebrazzjoni tal-Fidwa tagħna fit-Tlitt Ijiem Imqaddsa tal-Għid, ninsabu f'dak il-punt fejn, permezz tat-taħriġ tar-Randan imqaddes, il-konverżjoni ma tissarrafx biss fit-taqbida mal-ħażin hekk li naslu li nagħtuh daharna, imma l-konverżjoni ssir iktar id-dawrin tal-eżistenza kollha tagħna lejn Kristu, li hu t-Tama waħdanija tagħna, it-Tama nnifisha.
Dan il-kliem huwa eku tal-leħen profetiku li diversi drabi fit-Testment il-Qadim sejjaħ lill-poplu ta' Alla biex iwarrab il-qima tal-idoli u jerġa' jdur lejn il-Mulej. Hekk insibu pereżempju fil-ktieb tal-Profeta Żakkarija:

> "Erġgħu duru lejja, oraklu tal-Mulej tal-eżerċti, u jiena nerġa' ndur lejkom, jgħid il-Mulej tal-eżerċti ... Mhux li kontu dduru lejja mit-triqat il-ħżiena tagħkom u mill-għemejjel il-ħżiena tagħkom!" (Żak 1, 3b. 4b).

Miġburin quddiem il-Mulej, f'dan il-ħin ta' adorazzjoni, filwaqt li bi gratitudni, jew forsi wkoll b'xi ftit ta' mistħija u niket, inħarsu lejn il-mixja tagħna fl-ewwel nofs tar-Randan, hekk kif jinsab preżenti u ħaj fostna, nitolbuh mill-ġdid lill-Mulej, bħala pellegrini tat-tama, sabiex tassew induru lejh u hemm niskopru li hu qatt ma tana daru imma dejjem baqa' jistenniena sabiex innewlulu idna ħalli jżommha sew f'idu u jmexxina miegħu lkoll flimkien.

## Innu Ewkaristiku

Fil-messaġġ tiegħu għar-Randan, il-Papa jkompli dwar is-sejħa "għall-konverżjoni tat-tama, tal-fiduċja f'Alla u fil-wegħda kbira tiegħu, il-ħajja ta' dejjem." Is-sejħa għall-konverżjoni tat-tama: Mulej Ġesù, mill-ġdid din is-sena, u proprju f'din is-sena ta' grazzja speċjali, lilna wkoll trid twassalna biex nemmnu fil-fedeltà tiegħek li dejjem iżżomm kelmtek magħna, tant li ħadt ġisem bħal tagħna biex miegħek inkunu nistgħu ngħaddu mill-mewt għall-ħajja, sabiex hekk aħna wkoll naslu li nintelqu f'idejk u nafdawk b'ħajjitna.
Tidher ħaġa sempliċi meta nħarsu lejha minn din il-perspettiva, hux, Mulej. Imma inti ma tidħaqx bina u qatt ma twegħidna ħajja faċli. U, fuq kollox, bħala bniedem, f'laħamna kellek ukoll iġġarrab it-taqbida sabiex tasal għall-abbandun totali fi ħdan il-Missier, saħansitra fil-mument tal-ikbar prova, sew fil-Ġnien taż-Żebbuġ u sew fl-għajta minn fuq salibek li ċċarrat is-smewwiet u theżheż l-art. Għalhekk, Mulej, miġburin madwarek aħna wkoll, permezz ta' Salm 31, se

nagħmlu dan l-att ta' fiduċja totali fik billi ntennu flimkien l-istess talba ta' abbandun totali li lissint inti minn fuq is-salib: ***F'idejk, Mulej, jien nerħi ruħi***.

Salm 31, 2-6. 10-11. 15-16a. 17

Fik, Mulej, jien nistkenn;
ma jkolli qatt għax nirgħex.
Fil-ġustizzja tiegħek salvani,
agħtini widen u fittex eħlisni. ***R/.***

Kun blata tal-kenn għalija,
fortizza qawwija ta' salvazzjoni.
Inti l-blata u l-fortizza tiegħi;
f'ġieħ ismek mexxini u wassalni. ***R/.***

Oħroġni mix-xibka li ħbew għalija,
għax inti l-qawwa tiegħi.
F'idejk jien nerħi ruħi;
int teħlisni, Mulej, Alla tas-sewwa. ***R/.***

Ħenn għalija, Mulej, għax ninsab fil-hemm,
infnew għajnejja minħabba d-dwejjaq,
ruħi wkoll u l-ġewwieni tiegħi.
Infniet ħajti bl-għali,
u bl-ilfiq is-snin ta' ħajti;
minħabba fil-hemm naqsitni saħħti,
u tmermer għadmi kollu. ***R/.***

Imma jien fik nittama, Mulej;
jien ngħidlek: "Alla tiegħi int!"
F'idejk hi xortija,
Uri d-dawl ta' wiċċek lill-qaddej tiegħek;
fit-tjieba tiegħek eħlisni. ***R/.***

(*adorazzjoni fis-skiet*)

> Imma jien fik nittama, Mulej;
> jien ngħidlek: "Alla tiegħi int!" (Salm 31, 15)

Kemm drabi nsibha iebsa din l-istqarrija tas-Salmista, Mulej, quddiem is-Salib tiegħek, quddiem is-slaleb tiegħi li nħosshom jifnuni u jaqtgħuli qalbi, quddiem is-slaleb ta' ħuti mgħattna mill-piż, quddiem il-moħqrija minn bnedmin bħali fuq bnedmin bħalhom, quddiem it-tbatija innoċenti. Imma hija din l-istqarrija biss li ssalvani milli negħreq u ninġarr mal-mewġ taż-żmien u l-ġenn u t-telfa ta' kull sens fil-ħajja. Għax, "Din it-tama hija għalina bħal ankra tar-ruħ, sħiħa u qawwija," kif jistqarr l-awtur tal-Ittra lill-Lhud (6, 19). U din l-istqarrija ntenniha mhux waħdi imma flimkien ma' ħuti hawn miġbura u ma' ħuti kollha li jistqarru ismek. Ilkoll flimkien, fuq id-dgħajsa tiegħek li hi l-Knisja, nibqgħu nitħabtu mal-

mewġ bla biża' għax did-dgħajsa għandha b'arblu tagħha s-salib, u hija ankrata soda fik, il-ġebla tas-sies tagħha, il-mażżra u l-irmiġġ li jżommuna f'postna nitħabtu mal-mewġ, u fl-istess ħin ankra li titla' biex, b'nifs l-Ispirtu li jiftaħ il-qlugħ, inti twassalna kull fejn tixtieq tiżra' t-tama fik sakemm ilkoll naslu qawwijin u sħaħ fil-port tas-salvazzjoni.

## Innu Ewkaristiku

Il-Papa Franġisku jagħlaq il-messaġġ tiegħu għar-Randan ta' din is-Sena Mqaddsa b'dan il-kliem:

> Ħuti, grazzi għall-imħabba ta' Alla f'Ġesù Kristu, aħna ħarriesa tat-tama li ma tqarraqx (ara Rum 5, 5). It-tama hi "bħal ankra tar-ruħ, sħiħa u qawwija" (Lhud 6, 19). Bit-tama l-Knisja titlob sabiex "il-bnedmin kollha jsalvaw" (1 Tim 2, 4) u tistenna li tkun fil-glorja tas-sema magħquda ma' Kristu, l-għarus tagħha...
> Il-Verġni Marija, Omm it-Tama, tinterċedi għalina u takkumpanjana fil-mixja tagħna tar-Randan.

Bħala l-Knisja li titlob bit-tama u bl-interċessjoni ta' Marija Omm it-Tama, Omm Kristu, it-Tama waħdanija tagħna, ejjew b'fiduċja u b'wiċċna minn quddiem nagħtu leħen lit-talb u t-tnehid ta' ħutna fi Kristu u tal-bnedmin kollha.

- Qawwi l-Knisja tiegħek fit-tħabrik tagħha biex twassal lill-bnedmin kollha l-aħbar it-tajba tiegħek u jsalvaw. Nitolbu.
- Kun mal-Papa Franġisku f'dan il-mument ta' mard u dgħufija fiżika, u agħtih dak li jeħtieġ, sew fir-ruħ u sew fil-ġisem. Nitolbu.
- Imla bit-tama lil dawk li jiggvernaw, jilleġiżlaw, u jieħdu deċiżjonijiet għall-persuni fdati taħt it-tmexxija tagħhom sabiex iħalluk twessa' l-viżjoni tagħhom sabiex iħarsu lejn il-bniedem fis-sħuħija u l-integrità tiegħu. Nitolbu.
- Ġedded fil-wegħdiet tagħhom lil dawk li kkonsagraw ruħhom lilek sabiex ikomplu jkunu sinjali ħajja tat-tama li ma tqarraqx fil-wegħda ta' mħabbtek għall-umanità. Nitolbu.
- Kompli sejjaħ minn fostna żgħażagħ ġenerużi li, b'qalbhom misruqa minn imħabbtek, jintelqu għal kollox f'idejk u jimxu warajk bħala qaddejja tal-poplu pellegrin tat-tama. Nitolbu.
- Rodd mill-ġdid it-tama lil dawk li qatgħu qalbhom, u fejjaq il-qlub ta' dawk li qalbhom sfat miġruħa hekk li qed isibuha diffiċli biex jafdaw. Nitolbu.
- Ilqa' fis-sebħ ta' Saltnatek lil dawk kollha li fuq l-art għexu bit-tama tal-qawmien u bil-fidi fir-rebħa tiegħek fuq il-mewt. Nitolbu.

Weġibna, aħna u nsejjaħlek, Mulej Ġesù, Alla tal-ġustizzja tagħna; ħenn għalina u isma' talbna. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

## Barka Sagramentali